Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14874/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0264(NLE)

UD 320

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 14274/19 + ADD 1 |
| Suġġett: | Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>- Adozzjoni |

1. Fit-18 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta ta' hawn fuq, abbażi tal-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali eżamina l-proposta t'hawn fuq, u fit-22 ta' Novembru 2019 laħaq qbil dwar it-test, kif jinsab fid-dokument ST 14274/19 + ADD 1.

3. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista':

- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u

- jistieden lill-Kunsill jadotta r-Regolament kif jinsab fid-dok. ST 14376/19 (test rivedut mill-ġuristi-lingwisti) bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.